MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1831/1997/1

**Modern Circuits Co. Ltd.**

**Vs**

**Mark Borg Costanzi**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Awissu, 1997, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallasha s-somma ta' seba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm792.05) bhala prezz ta' "satellite system" komplut bid-*decoders* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fis-6 ta' Mejju, 1995, u fil-5 ta' Gunju, 1995.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Ottubru, 1996, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-5 ta' Gunju, 1995, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li din hija nfundata fil-fatt u fid-dritt peress illi s-“satellite system” mibjugha u kkonsenjata ma kenitx tal-kwalita’ pattwita bejn il-partijiet u kienet ukoll kolpita minn diversi difetti latenti li rrendewha inutili ghall-iskop li ghalih kienet giet ordnata mill-konvenut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni tal-konvenut hija bazata fuq zewg binarji. Wahda li s-sistema mixtrija minghand is-socjeta’ attrici ma kinitx tal-kwalita’ pattwita u it-tieni illi din is-sistema kienet kolpita minn diversi difetti latenti li rrendewha inutli ghall-iskop illi ghalih kienet intiza.

Jigi rilevat li t-tieni parti ta’ dan il-binarju, huwa riservat ghall-‘actio redibitoria’ u ma tistax titqajjem ‘in via di eccezzione’. Hekk qalet il-kawza <u>Joseph Cassar Aveta noe vs Hugh Caruana Et</u> deciza mill-Prim’Awla fis-7 ta’ Novembru, 1995. Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll riferenza ghall-gurisprudenza kkwotata f’din is-sentenza.

Ghalhekk, tibqa’ l-kwistjoni mqajjma mill-konvenut illi s-sistema mibjugha lilu, ma kinitx tal-kwalita’ pattwita. Hawnhekk, il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jghid, “Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita’ imwieghda, jew ma tkunx bhal kampjun illi fuqu l-bejgh ikun sar ix-xerrej jista’ jaghzel jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ perit.”

Hawnhekk ukoll, jidher, illi l-inizjattiva qeghda f'idejn ix-xerrej illi ghandu l-ghazla li jew jirrifjuta l-haga jew jircievha bi prezz anqas. Pero' l-gurisprudenza ghallmitna illi f'dan il-kaz ix-xerrej jista jecepixxi n-nuqqas tal-kwalita' miftehma anki permezz ta' eccezzjoni.

Fil-fatt fil-kawza W. Portelli noe vs Paul M. Laferla (Vol. XXX part 1 pagna 751) il-Qorti qalet, "Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rezoluzzjoni tal-bejgh mhux biss permezz ta' azzjoni imma wkoll permezz ta' eccezzjoni fil-kawza proposta kontra tieghu."

Ghalhekk, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra dan il-kaz fil-kuntest ta' l-eccezzjoni mqajjma mill-konvenut li s-sistema mibjugha ma kinitx tal-kwalita' pattwita.

Irrizulta mil-provi, illi s-sistema nbieghet lill-konvenut fis-6 ta' Mejju, 1995, u kienet tinvolvi diversi oggetti sabiex flimkien ikunu jistghu jaqdu l-iskop ta' *television reception* permezz tas-satellita.

Il-konvenut talab li s-servizz ikun ipprovdut f'diversi kmamar fil-fond tieghu l-Mosta. Is-socjeta' attrici baghtet it-*technicians* taghha ghall-installazzjoni ta' din is-sitema. Pero' jidher illi nqalghu x'intoppi peress illi ftit wara irceviet talba ghal tiswija peress illi s-sistema zviluppat xi hsarat. Is-socjeta' attrici baghtet it-*technicians* taghha li rrapurtaw illi rrangaw il-hsara illi kienet dovuta principalment ghall-perkolazzjoni ta' l-ilma.

Il-konvenut jikkontesta dan u jghid illi fil-fatt, is-sistema ma kinitx tahdem il-ghaliex id-*decoder* kien difettuz. Fil-fatt gab *technicians* barranin, illi qalulu li l-problema kienet fil-*mother-board* ta' dan id-*decoder* li kien qed jitlef il-memorja, peress illi s-sistema nstallata mis-socjeta' attrici kienet ghadha taht garanzija, dan it-*technician* Joseph Pisani, rrakkomanda illi jbiddel is-sistema kollha u jdahhal wahda gdida.

Il-konvenut hekk ghamel u ddispona unilateralment mis-sistema illi xtara minghand is-socjeta' attrici.

Il-Qorti, hawnhekk trid taghmel analizi ta' l-agir tal-konvenut u kif dan jaffettwa d-dritt tieghu illi jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh.

Irrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess, (Fol. 34) illi meta qata' qalbu illi jista' jiehu sodisfazzjon minghand is-socjeta' attrici, ddispona minn dan l-apparat. Tant hu hekk, li ghal diversi drabi jghid illi dan l-apparat ramih. A Fol. 36 jghid testwalment, "Ma kellix triq ohra hlief naqbad u narmi dan l-oggett kollu ghax ghalija kien imbarazz u ma jiswa' xejn." A Fol. 37, jghid, "Bhalma diga ghidt din is-sistema ma kellijx triq ohra hlief li narmiha kif fil-fatt gahmilt… Ma tiswa' xejn hlief ghall-iskrapp."

Mill-apparat kollu illi xtara minghand is-socjeta' attrici, l-konvenut jghid illi zamm biss id-dixx u rema' l-*equipment* tekniku u li mrieh fid-*dust bin* (Fol. 39).

Kjurjosament, sentejn wara dawn id-dikjarazzjonijiet, il-konvenut iddepozita *decoder* il-Qorti. Dan iddeskrivih bl-isem ta' "Connexions CX200A".

Il-Qorti rat l-*invoice* tal-konsenja ta' l-apparat lill-konvenut, liema kopja qeghda a Fol 29 – 30. Minn dan l-*invoice* jidher illi d-*decoder* supplit jismu "Visiopass D2 Mac" fejn gew suppliti zewg *decoders* ta' dan it-tip. Dan l-isem ma ghandu x'jaqsam xejn ma dak id-*decoder* illi jidher illi gie depozitat mill-konvenut.

Ghalhekk, il-Qorti ghandha s-suspetti taghha dwar din ic-cedola meta tikkonsidra dawk id-dikjarazzjonijiet emphatici u regolari illi ghamel il-konvenut dwar id-destin tas-sistema illi xtara minghand is-socjeta' attrici.

Il-Qorti, ma tistax ma tissuspettax li wara li l-konvenut irrejalizza l-kosegwenzi legali tad-dikjarazzjonijiet tieghu, ried jipprova jissana s-sitwazzjoni billi jiddepozita xi haga biex b'hekk tidher li ma jkunx tilef id-dritt iteghu f'din il-kawza.

Fil-kawza <u>Buttigieg vs Hurst</u> (Vol. XXXII part 1 pagna 163) il-Qorti qalet, "Jekk l-oggett ma jkun konformi ghall-ftehim

ma hemm vizzju redibitorju, imma jkun il-kaz ta' inadempjenza tal-kuntratt li ma ghandha x'taqsam xejn mall-garanzija tal-vizzji redibitorji. Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim allavolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f'att tieghu stess."

Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut tilef dan id-dritt f'att tieghu stess.

Ikkunsidrat:

Minhabba n-natura suspetta taghha, il-Qorti sejra tiskarta c-cedola ta' depozitu illi saret fis-6 ta' Marzu, 2002, u toqghod fuq id-dikjarazzjonijiet ripetuti u guramentati tal-konvenut li huwa ddispona unilateralment minn parti mis-sistema illi huwa xtara minghand is-socjeta' attrici.

Skond il-gurisprudenza lokali, dan il-fatt biss ma jintitolahx jopponi ghat-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-sistema kollha illi giet ikkonsenjata lilu.

Fil-kawza Attard Brothers vs Direttur ta' l-Edukazzjoni deciza mill-Qorti ta' l-Appell sede Nferjuri fl-4 ta' Novembru, 1994, il-Qorti qalet li xerrej li jibqa' jzomm oggett mixtri meta kien jaf illi ma kienx jahdem, kellu jhallas il-prezz intier u ma kienx intitolat li awtomatikament inaqqas il-prezz tat-tiswija u/jew alterazzjoni.

Il-fatt li l-konvenut iddispona mis-sistema, juri illi huwa agixxa bhala sid ta' dan l-apparat u ghalhekk ghal kull fini u effetti tal-ligi ghandu jitqies illi dana zammu fis-sens indikat fil-kawza fuq imsemmija.

Ghalhekk, fuq dana biss, il-konvenut ma ghandu l-ebda dritt izomm il-pagament lis-socjeta' attrici. Bhal li kieku mhux bizzejjed, il-Qorti tirrileva li kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-funzjonabilita' tas-sistema mixtrija minghand is-socjeta' attrici. Ma kien hemm l-ebda dizgwid bejnithom dwar il-kwalita' ta' l-oggett mixtri u cioe' illi kien differenti minn dak illi ordna l-konvenut. Dan ta' l-ahhar ordna sistema specifika

minghand is-socjeta’ attrici u kienet din is-sistema illi giet ikkonsenjata lilu.

Il-konvenut ma kienx kuntent pero’ kif dina kienet tiffunzjona u kien ghalhekk illi qabad u rmiha u ddecieda illi jixtri sistema ohra minghand terzi. Quindi, l-ilment propju tieghu ma kienx illi s-sistema ma kinitx tal-kwalita’ pattwita izda illi kien fiha difett illi minhabba fih ma kinitx tajba ghall-uzu illi ried jaghmel minnha.

Izda, kif gia ghidna qabel, il-konvenut ma jistax iqajjem din il-kwistjoni bhala eccezzjoni u jista’ biss jagixxi b’kawza *ad hoc* b’terminu moghti mill-ligi. Dan il-konvenut m’ghamlux u ma jistax, issa, jopponi t-talba ghall-hlas lis-socjeta’ attrici ladarba l-eccezzjonijiet tieghu kif abbinati f’dawn il-binarji huma t-tnejn mitlufa.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm792.05) prezz ta’ “satellite system” komplut bid-*decoders* lilu mibjugha u kkonsenjati fis-6 ta’ Mejju, 1995, u fil-5 ta’ Gunju, 1995.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur